**29 ta' Mejju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.-President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

M

*versus*

Z

**Abbandun mid-Dar Konjugali - Alimenti - Raġuni Ġusta.**

*Is-sempliċi fatt li l-mara titlaq mid-dar konjugali ma jtellifilhiex id-dritt li tkompli tiġi mantnuta minn żewġha li għalhekk jilqagħlu d-dover li jmantniha. Dan id-dover jispiċċa biss jekk il-mara, wara li titlaq mid-dar ta' żewġha mingħajr raġuni ġusta u dan wara li żewġha jkun interpellaha biex tmur lura fid-dar konjugali.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha wara illi ppremetta illi l-konvenuta telqet mid-dar konjugali mingħajr kawża ġusta u ħadet magħha lill-ulied minuri tal-partijiet Phyllis ta' tmien snin u Shirley ta' sitt snin u peress illi l-istess minuri Phyllis u Shirley aħwa Portelli ma humiex qegħdin jinżammu mill-konvenuta f'ambjent indikat għat-trobbija tajba tagħhom talab tgħid il-konvenuta għaliex (1) m'għandhiex tiġi ddikjarata dekatuta mid-dritt ta' l-alimenti billi telqet mid-dar konjugali u għalkemm ġiet mitluba tirritorna u qed tiġi anki permezz ta' din il-proċedura għal darb'oħra formalment interpellata, għall-istess, qed tirrifjuta mingħajr ġusta kawża; u (2) ma għandhiex tiġi ordnata li tirritorna lill-attur lill-istess minuri uliedu u dana peress illi hekk huwa fl-aħjar interess ta' l-istess minuri; bl-ispejjes kontra l-konvenuta li ġiet imħarrka għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li hija telqet mid-dar konjugali għax kellha raġunijiet ġusti u illi hija qiegħda tagħti edukazzjoni adeqwata lil uliedha;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Frar, 1982 li biha laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attur u għalhekk (1) iddikjarat li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' l-alimenti għax telqet mid-dar konjugali għall-ebda raġuni ġusta għalkemm ġiet mitluba biex tirritorna u (2) ordnat lill-konvenuta tirritorna lura lill-attur iż-żewġt itfal minuri msemmija fiċ-ċitazzjoni billi hu fl-aħjar interess tagħhom bl-ispejjes kontra l-konvenuta u dan wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

L-attur qed jallega li martu l-konvenuta kienet telqet mid-dar konjugali mingħajr kawża ġusta u magħha ħadet lill-ulied komuni tagħhom Phyllis ta' tmien (8) snin u Shirley ta' sitt (6) snin. Barra minn hekk huwa jallega wkoll li dawn it-tfal ma humiex qegħdin f'ambjent tajjeb idoneju għat-trobbija tat-tfal. Għalhekk huwa stitwixxa din il-kawża biex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' l-alimenti billi telqet mid-dar konjugali u għalkemm mitluba tirritorna din baqgħet ma marretx lura għand żewġha; u tordnalha tirritorna lill-attur l-istess minuri komuni tal-kontendenti billi jkun fl-aħjar interess ta' l-istess minuri;

Min-naħa l-oħra l-konvenuta qed teċċepixxi li hi telqet mid-dar konugali għax kellha raġunijiet ġusti u li qiegħda tagħti edukazzjoni adegwata lil uliedha;

*Omissis;*

Minn eżami tal-kumpless tal-provi, il-Qorti waslet għall-fehma li dak li qal u allega fuq martu l-attur hu aktar attandibbli

u ta' min jemmnu aktar mill-verżjoni li tat il-konvenuta. Il-verżjoni ta' l-attur tinsab korroborata ukoll minn xhieda oħra *estranei;*

Rat *a fol.* 70 in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u *a fol.* 71 sa 75 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li permezz tagħha talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirriġetta d-domandi attriċi bl-ispejjes kontra l-attur;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti għandha diversi aggravji kemm fir-rigward ta' l-ewwel talba ta' l-attur appellat żewġha kif ukoll fir-rigward tat-tieni talba tiegħu;

Rigward l-ewwel talba ta' l-appellat l-argument ta' l-appellanti hu fis-sens illi l-attur appellat kellu jipprova, mhux kif ippremetta hu fiċ-ċitazzjoni u kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti, illi hija telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta, iżda li wara li telqet mid-dar, hija rrifjutat li tirritorna mingħajr raġuni ġusta, wara li ġiet interpellata f'dan is-sens. Skond l-appellanti l-kawża ġiet legalment impostata ħażin u deċiża fuq konsiderazzjonijiet *estranei* għal dak li tipprovdi l-liġi. Fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti messha eżaminat biss jekk l-appellanti ġietx interpellata li tirritorna fid-dar konjugali u jekk kellhiex raġuni valida u ġusta li ma tirritornax jew le;

Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-kawża ġiet impustata jew

saret ħażin għaliex kif intavolata hija fil-limiti tar-regolarità. Din il-Qorti però taqbel mas-sottomissjoni l-oħra ta' l-appellanti li l-argumenti legali svolti fis-sentenza appellata m'humiex korretti. Fil-fatt jingħad kif ġie diversi drabi deċiż minn din il-Qorti li s-sempliċi fatt li l-mara titlaq mid-dar konjugali ma jtellifilhiex id-dritt li tkompli tiġi mantnuta minn żewġha li għalhekk jibqagħlu d-dover li jmantniha. Dan id-dover jispiċċa biss jekk il-mara, wara li tkun hekk telqet mid-dar ta' żewġha, ma tkunx trid terġa' lura ma' żewġha mingħajr raġuni ġusta u dan wara li żewġha jkun interpellaha biex tmur lura miegħu fid-dar konjugali;

*Omissis;*

L-attur appellat bix-xhieda tiegħu stess innewtralizza l-istess bażi tat-talba tiegħu għax biex jirnexxilu jipprova li martu ddekadiet mid-dritt ta' manteniment ried qabel xejn jipprova li interpellaha tirritorna bħala pre-rekwiżat ta' din id-dekadenza. Barra minn dan, però, din il-Qorti hi tal-fehma, li anki a bażi tal-ftit provi li nstemgħu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha biżżejjed biex tasal għal konklużjoni li fi kwalunkwe każ l-appellanti kellha raġuni valida u ġusta biex ma tmurx lura tgħix ma' żewġha. Infatti diffiċli wieħed jippretendi li mara li mhix kontraddetta fl-allegazzjoni tagħha li sfat imsawwta minn żewġha diversi drabi u f'okkażżjoni waħda qalgħet ukoll daqqa ta' sikkina mingħandu hi tenuta tmur lura ma' żewġha biex ma titlifx d-dritt tagħha li tiġi mantnuta minnu. L-istess żewġha jaċċetta li taha daqqa ta' sikkina u fil-fatt ġie kkundannat għal dan l-inċident mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja. Din il-Qorti f'dal każ sempliċiment tħossha *ultra* konvinta li l-konvenuta appellanti f'dawn iċ-ċirkostanzi kellha raġuni valida biex ma tmurx lura tgħix ma' żewġha u dan anki

indipendentement mill-kwistjoni ta' l-interpellazzjoni li ġà issemmiet;

Rigward it-tieni talba ta' l-attur appellat din il-Qorti ma hiex tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif inhuma ikun fl-aħjar interess ta' l-ulied komuni tal-kontentendi li jittieħdu minn m'ommhom u jiġu kostretti jmorru jgħixu ma' missierhom jew ma' ommu kif donnu qed jippretendi l-attur appellat. Din il-Qorti però trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment qed ittih fid-dawl tal-provi li nġabu u li fihom infushom ma humiex tali li juru li kif allega l-attur.....;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-attur kontenuti fiċ-ċitazzjoni tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.